# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlieta (3) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) [Laqgħa tal-Lokalita] li nżammet nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi jekk id-Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG) ma jistgħux jiprovdu informazzjoni dwar l-'Early Bird Initiative' (għas-sorveljenza tal-

iskejjel qabel u wara l-ħin tal-iskola), għandna naħsbu fuq alternattiva biex intejbu s-sigurta tat-tfal [ref: punt nos 3.3].

3.2 Is-Sindku qal illi rappreżentant ta' Print Right għandu jiġi jitkellem miegħu u mas-S.E dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill biex inaqqsu ammont [ref: punt 3.4] mill-kont għall-fuljett. Is-S.E għandu jara jekk l-persuna jista jiġi nhar it-Tnejn 5 ta' Marżu, fejn se jkun preżenti wkoll il-kunsillier Eddie Bonello. Il-kunsillier Francis Callus qal illi jixtieq jattendi l-laqgħa wkoll peress illi parti mill-artiklu tiegħu kienet nieqsa fil-print finali.

**Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-5.45pm mal-wasla ta' residenti li ġew biex jagħtu s-suġġerimenti u lmenti tagħhom kif kien imniżżel fl-Agenda punt nos. 8**

Laqgħa tal-Lokalita: Is-Sindku qara r-Rapport Amministrattiv għas-sena 2011. F'dan ir-rapport kien inkluż:

- l-ammont ta' laqgħat matul is-sena 2011
- informazzjoni dwar il-proġetti li saru minn naħa tal-Kunsill
- l-applikazzjonijiet għall-fondi li saru
- is-servizzi li offrew il-Kunsill matul is-sena
- il-ħarġiet li organizza l-Kunsill fl-2011
- l-attivitajiet kollha li saru bil-flus tal-Kunsill
- Il-kuntratti li ħarġu u
- Informazzjoni finanżjarja għas –sena 2011.

Il-Kunsill ta r-residenti preżenti l-opportunità biex jitkellmu u jagħtu s-suġġerimenti/ilmenti tagħhom.

Sinjura li kienet preżenti staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser iżid fl-ammont ta' toroq 'one-way' fir-raħal. Is-Sindku qal illi m'hemm l-ebda ħsieb biex dan isir, waqt li l-kunsillier Eddie Bonello qal illi fl-ebda Minuti m'hemm miktub illi kellna dan il-ħsieb.

Sinjur preżenti ssuġġerixxa li noħorġu l-avviz dwar il-laqgħa tal-Lokalita b'mod aħjar, u mhux biss b'avviz fuq il-gazzetti u fl-avvizi tal-Parroċċa. Hu ssuġġerixxa li nagħmlu flyers u ssuġġerixxa li nagħmlu Notice Board fil-Pjazza. Fuq dan il-punt il-kunsillier Eddie Bonello qal illi dan il-Kunsill iddiskuta dan il-punt fil-passat.

**Fis-6.15pm, mat-tmiem tal-laqgħa, ir-residenti rringrazzjaw il-kunsilliera għall-ħin tagħhom u ħarġu. Is-Sindku kompla l-laqgħa.**

**Kontinwazzjoni tal-Punti mill-Minuti**

3.3 Il-Viċi Sindku saqsa s-Sindku jekk tkellem mal-'electrician' dwar id-dawl tal-istatwa ta' San Pawl [ref: punt 3.6]. Is-Sindku qal illi ma setax jaqbdu u se jerġa jipprova.

3.4 Il-kunsillier Eddie Bonello lmenta li wara li għamlu xi xogħol fuq il-ħofor li kien hemm wara l-kisi tar-roadhumps f'triq il-Kuċċard, l-art reġgħet niżlet.

3.5 Is-S.E qal illi mhux se jsir radar f'Safi Aviation Park, u minflok ix-xogħol sar f'Ħal Far [ref: punt nos. 3.13]. Dan l-informazzjoni ġie mill-Major Carmel Vassallo li hu responsabbli għall-proġett.

3.6 Il-kunsilliera qablu li deċizzjoni fuq is-servizz tat-telephones tkun aġenda għall-Kunsill il-ġdid. Is-S.E kellu laqgħa m'Ozone Ltd. [ref: punt 7.1] li joffru offerti aħjar minn dawk ta' Go u ġab ftit informazzjoni fuq il-kumpanija minn Kunsilli oħrajn li jużaw is-servizzi ta' Ozone.

3.7 Il-kunsillier Jerome Busuttil qal illi s-siġar li għandhom bżonn ikunu maqtugħin [ref: punt nos 11.1] huma dawk ta' fejn ir-roundabout il-ġdida fit-tarf tat-triq il-ġdida 'Carmelo Caruana: Politiku u avukat'. Is-Sindku qal li x-xogħol se jsir malajr.

3.8 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi jħoss li m'hemmx wisgħa biżżejjed biex isir 'serviced road' f'triq il-Kuċċard [ref: punt nos 11.2] u jixtieq li l-Kunsill jkollu pjanta tax-xogħol. Is-Sindku qal illi hemm wisgħa biżżejjed.

3.9 Is-Sindku, b'referenża għall-punt nos 11.3 tal-laqgħa preċedenti, qal illi l-patching kellu jsir fit-toroq ta' Palma/Ġawħar/Ħlantun, iżda tad-Dipartiment tal-Public Works kellhom jagħmlu xogħolijiet oħrajn u ma setgħux jiġu s'issa. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol għandu jibda mit-28 ta' Frar 2012 (l-għada tal-laqgħa). Żied illi għandhom jibdew mill-Housing Estate u jinżlu minn hemm.

3.10 Is-Sindku qal illi reġgħu ċemplulu tal-programm "Illostra" iżda qal illi ma kellux ċans jiltaqa' magħhom. Reġgħu ġew jiffilmjaw fir-raħal.

3.11 Il-kunsillier Francis Callus qal li l-linji s-sofor għar-'reserved parking' għadhom ma sarux fit-triq Ħajt ir-Ruman [ref: punt nos 11.5]. Is-Sindku qal illi dawn għandhom isiru malajr.

3.12 Il-Viċi Sindku qal illi tkellem mal-kap tal-iskola rigward il-Basketball Rings [ref: il-korrespondenza mas-sur Omar Schembri fil-laqgħa tal-kontinwazzjoni għas-seduta nru.2 (15/02/2012) u hi tibża li x-xogħol li sar mal-ħitan tal-iskola dan l-aħħar ikun sar għal xejn jekk nagħmlu l-Basket rings. Il-Viċi Sindku ppropona li, jekk fil-verita jsir xi ħsara, inneħħu l-boards tal-basketball. Il-kunsilliera qablu mal-proposta.

3.13 Il-kunsilliera ddiskutew it-talba tas-sur Nikolai Busuttil [punt nos. 7 tal-kontinwazzjoni tas-seduta nos 2 ta 2012] li jixtieq jagħmel magna tax-xorb fejn il-grawnd tan-nursery. Il-kunsilliera jemmnu li peress li l-art fejn għandu jitpoġġa qiegħed

tal-Kunsill, aħna nistgħu nagħtu permess għax-xogħol. Il-kunsilliera jixtiequ klarifikazzjoni mill-awdituri, u deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kunsill il-ġdid.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-kunsilliera kollha rċevew stedina għall-programm Xarabank għas-serata ta' 02/03/2012.

4.2 Is-sur Patrick Bongailas talab li l-kumitat il-ġdid tal-football fir-raħal jiltaqa mal-Kunsill biex jiddiskutu l-proposta tagħhom. Dawn għandhom jiltaqgħu mal-kunsilliera waqt illi għandhom jkomplu jiddiskutu mal-Kunsill il-ġdid wara 01/04/2012. Avolja il-Kunsill xtaq jiltaqa magħhom qabel l-elezzjonijiet, il-kunsilliera kollha qablu li jiltaqgħu mall-Kunsill Lokali l-ġdid.

4.3 Il-Kunsill irċieva talba minn uħud taż-żgħażagħ tar-raħal biex il-Kunsill jikkonsidra li nagħmlu 'skate park', jew ftit rampi, għalihom. Peress illi ma jistgħux jidħlu bir-roti fil-Playing Fields, jixtiequ jkollhom post għal dan it-tip ta' divertiment. Il-Kunsill se jħalli d-deċizzjoni f'idejn il-Kunsill li jmiss.

4.4 MEPA bagħtu 'notice' fuq permess ta' ħanut li nbiddel ix-xogħol tiegħu f'triq il-Kuċċard minn persuna li m'għandhux jaqsam mal-Kunsill.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Accessibilty Audit għal Ġnien Sir Alexander Ball, mibgħuta mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita, fejn qalu illi l-proposta għax-xogħol ma tistax tkun approvata minħabba materjal tal-pavimentar. Is-S.E bagħat dan id-dokument lill-Perit.

4.6 HSBC ikkonfermaw illi l-Kunsill għandu €980 fondi biex juża matul is-sena 2012 għal-restawr ta' niċeċ fir-raħal.

4.7 Is-sur Martin Else, li jixtieq jagħmel stands għall-gazzetta MaltaNow fir-raħal, qal li se jibgħat żewġ kopji lill-Kunsill u se jċempel fil-futur biex jibdew l-arranġamenti mal-Kunsill.

4.8 Is-S.E qal illi MEUSAC qegħdin joffru fondi għal Child Care Centres. Dawn il-fondi huma għall-upgrading, waqt illi l-Kunsill jixtieq fondi biex jibni ċ-Ċentru. Is-S.E se jara ma MEUSAC jekk hemm opportunita li nieħdu xi fondi għal dak li nixtiequ aħna.

4.9 Is-S.E qal li qed jara mas-sur Darrell Pace, li jaħdem għal Ministru Carmel Mifsud Bonnici, meta jkun possibli biex l-Onorevoli Mifsud Bonnici jkun jista jiġi jinawgora t-triq il-ġdida, imsemmija "Carmelo Caruana: Politiku u avukat".

## 5. Approvazzjoni tal-Pagamenti

5.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 6. Għażla għas-servizzi tat-tindif tal-Kunsill [CCS/51-01/2012] u tal- Public Convenience [CCS/51-02/2012]

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet kollha ta' CCS/51-01/2012. Il-Kunsill qabel unaniment bl-għażla tas-sinjura Carmen Camilleri li kellha l-irħas kwotazzjoni.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet kollha ta' CCS/51-02/2012. Il-Kunsill qabel unaniment bl-inkariga tas-sur Mario Camilleri għax-xogħol. Is-sur Camilleri kellu l-irħas kwotazzjoni.

## 7. Kors tad-Drama

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sal-ġurnata tas-seduta, kien hemm 22 tfal li kienu nteressati bil-kors tad-Drama li l-Kunsill jixtieq jibda. Peress li hemm interess, il-Kunsill jixtieq javvanza fl-organizzazzjoni tal-kors. Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi huma importanti li dawk li jgħallmu jkunu kwalifikati. Is-S.E se jara x'joffru d-Drama Unit waqt li se jitlob CV's għal kull min hu interessat li jgħallem dal-kors.

## 8. Insurance tal-Kunsill

8.1 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv qal li l-SMS kellhom l-irħas kwotazzjoni, il-kunsilliera qablu li nużaw is-servizz tagħhom wara li s-Segretarju jara mal-LCA [Local Council Association] illi huma m'għandhomx għażla fuq liema kumpanija għandna nużaw.

## 9. Ħwejjeġ oħra

9.1 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi hemm bozza maħruqa fejn is-sub-station ta' Qerd in-Naħal.

9.2 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi hemm siġra f'triq Rqajja li għandha bżonn tkun maqtugħa.

9.3 Il-Viċi Sindku Publius Abdilla qal illi semà informazzjoni li oġġetti fil-Villa Romana se jiġu trasferriti u fosthom hemm xi fdalijiet li inizżjalment instabu fir-raħal. Qal illi għandna nagħmlu talba lil Heritage Malta biex forsi l-Kunsill ikun jista jżomm dawn l-oġġetti fil-Kunsill.

9.4 Il-Viċi Sindku qal illi għandna nistaqsu lill-Perit biex jagħmel pjanta għax-xogħol illi l-Kunsill jixtieq li jsir fl-iskola [biex ikun hemm tinda bejn is-Sala u l-iskola].

9.5 Is-Sindku qal illi ġabar kwotazzjonijiet għal-dustbins normali, kif ukoll għal dawk għall-ħmieġ tal-animali. 8 normali jiswew €2160 waqt li sitta mill-oħrajn jiswew €570 [VAT mhux inkluz]. Il-Kunsill se jkollu fondi mill-Uffiċju tal-Prim Ministru għax-xiri ta' dawn. Il-kunsilliera ddiskutew fejn għadhom jitpoġġew dawn. Is-Sindku qal li se jmur mal-ħaddiema biex jgħidilhom fejn għandhom ikunu.

9.6 Is-Sindku qal illi għandna bżonn inbiddlu l-ħadid li hemm fil-ġnien il-ġdid [l-area ta' triq il-Biedja].

9.7 Il-kunsilliera ddiskutew kif nistgħu nwaqqfu l-ħamiem milli joqogħdu wara l-istatwa ta' San Ġwann [f'triq San Ġorġ]. Dan għaliex qegħdin iħallu ħafna ħmieġ. Il-Kunsill se jara ma' Birdlife kif nistgħu nevitaw din il-problema mingħajr ma nagħmlu ħsara lill-animali.

9.8 Il-kunsillier Eddie Bonello ppropona li l-Kunsill jixtri fire blanket u fire extinguisher. Is-S.E se jara ukoll jekk l-extinguisher fis-Sala tal-Anzjani skadiet jew le. Se nġibu parir mill-Firetech.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.3 Il-laqgħa li jmiss se tkun fl-21 ta' Marzu 2012.

Sindku                                        Segretarju Eżekuttiv